MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

Laqgħa b'Urgenza

8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 73

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fil-Bini Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, nhar it-Tnejn, 28 ta' Awwissu, 2017 fil-5.00pm ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI

Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sa Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

AGENDA

Emendi ta' Linji Gwida Ġieħ Santa Venera.

MINUTI

Is-Sindku Stephen Sultana ppresieda l-laqgħa.

73.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li ħass id-dover li jsejjaħ Laqgħa b'Urġenza sabiex jiġu diskussi l-emendi ta' Linji Gwida Ġieħ Santa Venera.

Is-Sindku rringrazzja lill-Fundazzjoni Wirt Vendriz tal-interess li ħadu u ppreżentaw dak li huma ħassew li għandhom ikunu t-tibdiliet għar-reviżjoni tal-linji gwida.

Is-Sindku informa lill-membri li, wara li l-Bord tal-Għażla għarbel u xtarr dawn it-tibdiliet, wasal għar-rakkomandazzjoni li Ġieħ Santa Venera għandu jibqa' l-għola ġieħ li jingħata lil individwu/i jew għaqda. Il-Mertu jingħata bħala rikonoxximent u r-rebbieħ/a jingħata tifkira tal-Mertu mill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

Min jingħata l-Ġieħ Santa Venera qatt ma jista' jerġa jiġi nominat għal dan l-istess Ġieħ u lanqas għall-Mertu.

Fil-5.35 pm is-Sur Darren Carabott ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

Is-Sindku informa lill-Membri li l-Kumitat tal-Għażla għandhom jibqgħu f'din il-kariga għal tul il-leġislatura .

Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona l-Emendi ta' Linji Gwida Ġieħ Santa Venera filwaqt li s-Sur Jonathan Brimmer ssekonda lis-Sindku. Il-membri kollha vvutaw favur dan ir-rapport u ma kienx hemm astenzjonijiet jew voti kontra.

Fis-5.45 ta' filgħaxija, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa

Kkonfermati, llum 16 ta' Ottubru 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stephen Sultana<br>Sindku | Jane Yvonne Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |